**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**Vs**

**Malcolm Cauchi**

**Kumpilazzjoni Nru. 289/2025 AC**

**Illum, il-21 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Malcolm Cauchi** ta' 35 sena, iben William Cauchi u Josephine Ann nee' Pace, imwieled il-Pieta' nhar it-08 ta' Marzu, 1990, residenti ġewwa 63, Meadow Sweet, Triq l-Ortolan, San Ġwann u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0128690M, li kien akkużat talli nhar il-31 ta' Marzu 2025 u fil-ġimgħat, fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi ħinijiet, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Bl-imġiba tiegħu ikkaġuna lil ommu u ċioe' **Josann (Josephine Anne) Farrugia** Cauchi, fastidju għal iktar minn darba, u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għal ommu **Josann (Josephine Anne) Farrugia**.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Malcolm Cauchi** a benefiċċju ta' **Josann (Josephine Anne) Farrugia** u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' **Josann (Josephine Anne) Farrugia** kif jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Malcolm Cauchi** billi tapplika l-Artikoli 382A *et seq* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Malcolm Cauchi** b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata minn din il-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmi **Malcolm Cauchi** sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest nhar it-2 t'April 2025 quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Rachel Montebello, b'dan li l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Sherona Buhagiar qrat u kkonfermat l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2], wieġeb li mhux ħati għall-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-każ odjern ikun trattat bi proċedura sommarja[3];

---

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess, u l-akkużi maħlufa bil-ġurament a fol 5 *et seq* tal-proċess

[2] Ara a fol 43 tal-proċess

[3] Ara Dok A a fol 7 tal-proċess

2. Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija datat il-31 ta' Marzu 2025 għall-ħruġ ta' Mandat t'Arrest u Tfittxija fil-konfront tal-imputat[4];

3. Mandat t'Arrest u Tfittxija fil-konfront tal-imputat datat il-31 ta' Marzu 2025[5];

4. Il-Fedina Penali tal-imputat[6];

5. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/791/2025[7];

6. Sett ta' *screenshots* ta' messaġġi[8];

7. Dikjarazzjoni ta' Rifjut tad-Dritt għall-Assistenza Legali datata l-31 ta' Marzu 2025[9];

8. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[10];

9. Karta tal-Identita' tal-imputat[11];

10. Nota tas-*Senior Probation Officer* Marilyn Testa datata d-29 t'April 2025 li permezz tagħha nfurmat lil din il-Qorti li kienet nominata l-*Probation Officer* Marilyn Formosa sabiex tħejji *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat[12];

11. *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat datat is-7 ta' Mejju 2025[13].

[4] Ara Dok B a fol 8 tal-proċess
[5] Ara Dok C a fol 9 tal-proċess
[6] Ara Dok D a fol 10 *et seq* tal-proċess
[7] Ara Dok E a fol 13 *et seq* tal-proċess
[8] Ara Dok F a fol 17 *et seq* tal-proċess
[9] Ara Dok G a fol 41 tal-proċess
[10] Ara Dok H a fol 42 tal-proċess
[11] Ara a fol 42A tal-proċess
[12] Ara a fol 53 tal-proċess
[13] Ara a fol 55 *et seq* tal-proċess

Rat li fl-istess seduta msemmija[14] l-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat a favur il-*Parte Civile* Josann Farrugia[15];

Rat li fl-istess seduta[16] d-Difiża talbet sabiex issir rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex sakemm l-imputat ikun qed jinżamm detenut fl-istess Faċilita' Korrettiva, jinżamm ġewwa s-Sezzjoni Forensika ġewwa l-Isptar Monte Karmeli, liema talba kienet milqugħa minn din il-Qorti kif diversament preseduta, b'dan illi jsir l-assessjar tal-qagħda tal-imputat minħabba d-dipendenza tiegħu fuq id-droga u sabiex skont l-eżitu ta' dan l-assessjar jekk ikun hekk meħtieġ, jinżamm fit-Taqsima Forensika tal-Faċilita' Korrettiva u jingħata kull għajnuna li jkun jeħtieġ;

Rat ir-rikors tal-Uffiċjal Anzjan tal-Għajnuna Legali datat it-3 t'April 2025 li permezz tiegħu talab li l-*Parte Civile* Josann Farrugia tkun assistita mill-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Ibtisam Sadegh;

Rat li fis-seduta tas-16 t'April 2025[17], il-partijiet iddikjaraw li fil-ġurnata msemmija r-Reġistru tal-Qorti kien magħluq, pero' b'mod konġuntiv anke *ai fini* ta' speditizza *stante* li l-imputat kien jinsab taħt arrest, talbu lil din il-Qorti sabiex tawtorizza l-ftuħ tar-Reġistru bil-għan li tinżamm is-seduta odjerna, liema talba kienet milqugħa minn din il-Qorti;

Rat illi fl-istess seduta[18] l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

---

[14] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess
[15] Ara a fol 44 tal-proċess
[16] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess
[17] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 49 *et seq* tal-proċess
[18] Ara l-verbal tas-seduta tas-16 t'April 2025 a fol 49 *et seq* tal-proċess

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjoni sopraċitata kienet sodisfaċentement ipprovata;

Rat li fl-istess seduta[19] din il-Qorti, wara n-nuqqas t'oġġezzjoni tal-Prosekuzzjoni, laqgħet it-talba tad-Difiża sabiex jitħejja *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat;

Rat ir-rikors tal-*Probation Officer* Marilyn Formosa li kienet nominata sabiex tħejji l-*Pre-Sentencing Report* li permezz tiegħu talbet aktar żmien għat-tħejjija tal-istess Rapport, liema talba kienet akkordata minn din il-Qorti fis-seduta tat-28 t'April 2025, b'dan illi l-*Probation Officer* ingħatat żmien sad-differiment ta' wara sabiex tippreżentah;

Rat il-*pre-sentencing report* ippreżentat mill-*Probation Officer* Marilyn Formosa u kkonfermat bil-ġurament tagħha waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2025[20];

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2025[21] xehdet il-*Probation Officer* Marilyn Formosa[22] *ai fini* t'eskussjoni tal-*Pre-Sentencing Report* imħejji minnha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2025[23];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

---

[19] Ara l-verbal tas-seduta tas-16 t'April 2025 a fol 49 *et seq* tal-proċess
[20] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 54 tal-proċess
[21] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 54 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt l-istess seduta a fol 54A *et seq* tal-proċess
[23] Ara a fol 89 *et seq* tal-proċess

**Ikkunsidrat:**

L-imputat kien mixli talli nhar il-31 ta' Marzu 2025 u fil-ġimgħat, fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi ħinijiet, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Bl-imġiba tiegħu ikkaġuna lil ommu u ċioe' **Josann (Josephine Anne) Farrugia** Cauchi, fastidju għal iktar minn darba, u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għal ommu **Josann (Josephine Anne) Farrugia**.

Li minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għal dawn l-imputazzjonijiet;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti ħadet is-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, li għalhekk jirrikwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali dwar tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[24], li jfisser li din il-Qorti frankat il-ħin, ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji sabiex tindaga dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, u l-amministazzjoni tal-ġustizzja. Fil-każ odjern, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-ewwel dehra li kellu quddiem din il-Qorti qabel ma l-Prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi tagħha;

2. In-natura u l-portata tal-imputazzjoni addebitata lill-imputat u l-aggravji assoċjati magħha, li minbarra li jirrinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "***vjolenza***

[24] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

***domestika***"[25] u "***familja jew unita' domestika***"[26] *ai termini* tal-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat sar fuq medda ta' żmien;

3. Il-Fedina Penali tal-imputat, li fost oħrajn tinkludi sejbien ta' ħtija rigward reati relatati mad-droga;

4. Dak konstatat mill-*Probation Officer* Marilyn Formosa fil-konklużjonijiet tagħha, u ċioe' s-segwenti:

   a. Minn ħarsa lejn il-Fedina Penali tal-imputat, kien instab ħati ta' pussess ta' droga meta kellu 14-il sena, ħati ta' vandaliżmu fl-2014 u ħati ta' każ ta' produzzjoni ta' droga, b'dipendenza fuq id-droga li wasslet sabiex ommu tagħmel rapport fil-konfront tiegħu minħabba li kienet imbeżża' minnu u ma felħitx aktar għas-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha. Il-*Probation Officer* tagħmel referenza għal dak li stqarret il-*Parte Civile* u ċioe' li l-problema tad-droga tal-imputat ilha għaddejja s-snin, u esprimiet ix-xewqa tagħha li l-imputat jaħdem fuq nnifsu u jieħu kull għajnuna neċessarja sabiex jegħleb il-problema tiegħu tad-droga, tant li tgħid li lesta li tissapportjah meta verament juri li qed jagħmel l-għalmu tiegħu biex jegħleb dan il-vizzju. Issostni pero' li tixtieq Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-imputat;

   b. L-imġiba problematika li kellu minn eta' żgħira d-dar, partikolarment minn wara li beda jpejjep il-kannabis minn eta' ta' 12-il sena, li wasslet sabiex telaq mid-dar meta kellu 18-il sena, u li jkollu kuntatt minimu mal-familja tiegħu sa ma beda programm residenzjali f'Awwissu tal-2016. Il-*Probation Officer* tosserva li l-vizzju tiegħu tad-droga wasslet għal problemi rikorrenti mal-familja tiegħu, u għalhekk

---

[25] "...l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima";

[26] B'referenza partikolari ssir għall-Artikolu 2(ċ) tal-istess Kapitolu, u ċioe' s-segwenti:
"(ċ) persuni li huma relatati ma' xulxin jew minħabba l-qrubija mid-demm jew bi żwieġ, unjoni ċivili u, jew koabitazzjoni, sat-tielet grad inklussivament;"

hemm bżonn ta' ħidma intensiva sabiex ir-relazzjoni tiegħu ma' familtu titranġa, u li minħabba f'dawn il-problemi familjari, m'għandux indirizz fiss fejn jirrisjedi wara li joħroġ mill-Ħabs;

c. Użu ta' kannabis minn meta kellu 12-il sena, li mbagħad żviluppat f'użu ta' *ecstacy*, eroina u kokaina, u li minkejja li sar kuntatt mal-Aġenzija Sedqa, OASI u anke CARITAS fejn beda programm residenzjali fi Frar tal-2025, jidher li wara li ħareġ minn dan il-programm, dan il-kuntatt ma nżammx, u għalhekk il-*Probation Officer* tagħmel enfasi fuq il-bżonn li dan il-kuntatt ikun stabbilit mill-ġdid. Il-*Probation Officer* issemmi wkoll li l-imputat kien residenti kemm-il darba ġewwa l-Isptar Monte Karmeli minħabba problemi ta' saħħa mentali, li skont l-imputat stess, joriġinaw mill-vizzju tiegħu tad-droga, u l-istess *Probation Officer* issemmi li kien qed isegwih il-psikjatra Dr. Kristian Sant, u kien qed jieħu l-mediċina għall-kundizzjoni li għandu;

d. Rigward xogħol, il-*Probation Officer* rat li l-imputat dejjem ipprova jsib impjieg, iżda minn dak li jindikaw ir-rekords tiegħu mal-*JobsPlus*, jidher li rari kien jibqa' fl-istess impjieg fit-tul. L-imputat stess jispjega li dan kien minħabba d-dipendenza tiegħu fuq id-droga, jew minħabba li ma kienx iħossu komdu fuq il-post tax-xogħol;

e. Il-Pjan ta' Kura kif propost mill-*Probation Officer* jiċċentra fuq il-bżonn li l-imputat jindirizza l-problema tiegħu tad-droga b'mod sħiħ permezz ta' programm residenzjali, u li jkompli jattendi għas-sessjonijiet mal-psikjatra;

f. Ir-rakkomandazzjoni tal-*Probation Officer* li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' *Probation ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan illi waħda mill-kundizzjonijiet tkun li jattendi għal programm residenzjali.

In vista tal-fatturi imsemmija, rigward il-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti tibda biex tirrileva li huwa ċar mingħajr ebda ombra ta' dubju li l-imputat qiegħed ibati minn vizzju akut tad-droga li, minn dak li jirriżulta mill-*Pre-Sentencing Report*, għandu l-għeruq tiegħu mill-inqas mill-eta' pjuttost tenera ta' tnax-il sena, u li huwa ċar ukoll li dan il-vizzju għadu jippersisti

sal-ġurnata tal-lum (fil-fatt l-imputat kien għadu kemm jattendi għal programm residenzjali sa Frar 2025). Minn dak li jingħad fil-*Pre-Sentencing Report* jirriżulta li d-dipendenza msemmija wasslet għal diversi diffikultajiet, kemm personali u soċjali, fosthom problemi rikorrenti mal-familja tiegħu (li apparti li wasslu għar-rapport mertu ta' dawn il-proċeduri, wasslu wkoll sabiex l-imputat jispiċċa mingħajr indirizz fiss li jista' jirrisjedi fih), inkontri mal-Ġustizzja (b'darbtejn minnhom ikunu fuq akkużi relatati mad-droga), kif ukoll fid-dinja tax-xogħol (li wassal sabiex l-imputat ma jkunx jista' jibqa' b'impjieg fit-tul), li għalhekk ħalliet lill-imputat f'pożizzjoni li ma jistax jieħu ħsieb tiegħu innifsu, wisq inqas jindirizza l-vizzju tad-droga. Huwa fl-isfond ta' dan kollu li kif argumentat mill-partijiet waqt it-trattazzjoni finali dwar il-mertu ta' dawn il-proċeduri, inkluż id-Difiża stess, din il-Qorti, filwaqt li qed tieħu in konsiderazzjoni dak konstatat mill-*Probation Officer* kwantu għall-fatti li rriżultawlha, ma tistax taqbel mar-rakkomandazzjoni għal piena t'Ordni ta' *Probation* imsemmija fir-Rapport tagħha. Dan jingħad primarjament għaliex id-dipendenza tal-imputat fuq id-droga hija tant akuta li hemm bżonn li kwalunkwe trattament u għajnuna li jista' jirċievi ssir f'ambjent kontrollat, u li jkun biss wara li jkun sar progress tanġibbli da parti tiegħu li l-imputat ikun ikkunsidrat għal programm residenzjali. Dan għaliex l-alternattiva hija li l-imputat jispiċċa barra fit-triq (*stante* li kif issemma diġa', minħabba l-problema tad-droga u r-relazzjoni problematika li għandu mal-familja tiegħu, huwa preżentement mingħajr indirizz fiss) mingħajr deterrent effettiv sabiex ma jerġax jaqa', jew agħjar, tkompli taggrava d-dipendenza tiegħu fuq id-droga – li din il-Qorti tenfassiza hija waħda akuta – u għalhekk jeżisti periklu ċar li l-imputat jerġa' jsib ruħu f'ħajja kriminoġenika sabiex isostni dan il-vizzju. Għaldaqstant, filwaqt li kif imsemmi aktar 'il fuq, tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, minkejja l-ammissjoni libera u mingħajr riżerva tal-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, l-Qorti hija tal-fehma (kif wara kollox hija tal-fehma kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-difiża) li piena ta' priġunerija effettiva tkun aktar idoneja. Dan qiegħed jingħad għaliex Din il-Qorti temmen li huwa biss permezz ta' piena ta' dan it-tip li l-imputat ikun f'pożizzjoni li jaqbad it-triq it-tajba u jegħleb il-vizzju tiegħu tad-droga b'mod effettiv, u li jiggarantixxi s-sigurta' tal-*Parte Civile*, li għalkemm hija propensa li tissapportjah f'din il-ġrajja, qiegħda tinsisti fuq xi forma ta' Ordni ta' Protezzjoni fir-rigward tagħha (sakemm jirbaħ il-vizzju tad-droga), u jassigura wkoll il-benesseri tal-imputat innifsu.

**<u>Decide:</u>**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 202(h)(iii), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 251A(1)(a), l-Artikolu 251A(1)(b), l-Artikolu 251A(4), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), u l-Artikolu 251HA tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, issib lill-imputat Malcolm Cauchi ħati tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għall-piena ta' sitta u tletin (36) xahar priġunerija effettiva</u>**;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati, **Malcolm Cauchi** taħt Ordni ta' Trattament **<u>għal perjodu ta' ħames (5) snin mid-data ta' din is-sentenza</u>**, u dan bl-iskop li jindirizza l-problema tad-droga, kif ukoll jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku ieħor neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward, b'dan illi fost oħrajn tirrakkomanda li l-ħati jibqa' jkun segwit mill-psikjatra Dr. Kristian Sant;

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **Malcolm Cauchi** fi kliem ċar u sempliċi ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni;

Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **Malcolm Cauchi** li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **<u>kull tliet (3) xhur</u>**;

*In oltre* din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati **Malcolm Cauchi** favur il-*Parte Civile* **Josann (Josephine Anne) Farrugia Cauchi <u>għal żmien tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza</u>**, liema Ordni għandha wkoll tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Malcolm Cauchi** l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li ma kien inkarigat l-ebda espert fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**